MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 400/2007

**Go p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Christopher Micallef**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija tmienja u tletin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM1938.48) ekwivalenti ghal erbat elef hames mija u hmistax-il Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€4515.44) rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma' diversi servizzi telefonici 21382473, 21382474, 21382475, 21388919, u 347666 (AC40016349, 10129747, 10095029) skond kif jirrizulta mill-anness Dok IZY1 – applikazzjoni fuq in-numri**

**21382473, 2138274, 2138275, kopja ta' ftehim immarkat Dok IZY2, ftehim dwar is-servizz telefoniku bin-numru 21388918 u prospett ghall-istess servizz immarkati Dok IZY3 u IZY4 rispettivament, ftehim dwar is-servizz telefoniku bin-numru 21387621 li wara sar 347666 u prospett ghall-istess servizz immarkati Dok IZY5 u IZY6 rispettivament;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fl-4 ta' Novembru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Christopher Micallef ihallas lill-istess socjeta` rikorrenti s-somma ta' elf disa' mija u tmienja u tletin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu ekwivalenti ghall-erbat elef hames mija u hmistax-il Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€4515.44);**

**Bl-ispejjez kollha ndikati fir-rikors u bl-imghaxijiet kontra l-intimat Christopher Micallef.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------